A.L. 190 ta' l-2004

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Avviż ta' Bidu fis-Seħħ tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Valuri ta' Limitu għall-Benżin u Monossidu Karboniku fl-Arja ta' l-Ambjent

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, u skond ir-regolament 1(2) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Valuri ta' Limitu għall-Benżin u Monossidu Karboniku fl-Arja ta' l-Ambjent, ippubblikati bl-Avviż Legali 163 ta' l-2002, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent stabbilixxa l-1 ta' Mejju, 2004 bħala d-data meta dawk ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ.